# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Numru:**

**Illum 20 ta' Frar, 2024**

**L-avukat Carlo Bisazza fil-kwalità tiegħu**

**ta' mandatarju speċjali ta' David Kevin Aquilina**

**v**

**Abdes Samad Ibnass**

1. L-avukat Bisazza, fil-kwalità imsemmija, ressaq din il-kawża biex jirkupra self li għamel lill-konvenut, self evidenzjat b'żewġ kuntratti, l-ewwel wieħed tat-22 ta' Lulju 2017 u l-ieħor tat-22 ta' Diċembru 2017. L-ewwel self kien ta' €15,000 u t-tieni self ta' €20,000. Fir-rikors ġuramentat, l-attur jgħid li kemm il-kapital u kif ukoll l-interessi ma tħallsux, u allura t-talba hi għal kundanna ta' ħlas ta' €35,000 bl-imgħax dekorribbli mit-22 ta' Lulju 2017 sal-jum effettiv tal-pagament fir-rigward ta' l-ewwel self u mit-22 ta' Diċembru 2017 sad-data tal-ħlas effettiv fir-rigward tat-tieni self. Talab ukoll l-ispejjeż tal-kawża u kif ukoll dawk tal-ittri uffiċjali imsemmija fir-rikors promutur.

2. Il-konvenut ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, u ġie dikjarat kontumaċi (ara verbal tat-23 ta' Ottubru 2023).

3. L-attur ippreżenta affidavits ta' David Kevin Aquilina u Thomas Aquilina, ibnu, biex isostnu t-talba. Huma dettaljata ħafna u msaħħa b'korrispondenza. L-istorja hi daqsxejn

kemxejn stramba, imma mhux biżżejjed biex ma titwemminx. Għandu jingħad, però, li kontra dak li hemm fir-rikors ġuramentat, xi imgħax tħallas, skont il-prospett f'paġna 68. Allura t-talba tista' tintlaqa' biss wara li, mill-imgħax, jitnaqqas dan l-ammont.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tilqa' talbiet 1 u 2 u, għalhekk, tiddikjara li l-konvenut hu debitur tar-rikorrent noe fis-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) rappreżentanti l-ammonti mislufa skont il-kuntratti msemmija f'para. 1 hawn fuq, u tordna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent noe l-imsemmija somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000). Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali 59/2021 u 60/2021, u bl-imgħax dekorribli mit-22 ta' Lulju 2017 fuq is-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) sal-jum tal-pagament effettiv u mit-22 ta' Diċembru 2017 fuq is-somma ta' għoxrin elf euro (€20,000) sal-jum tal-pagament effettiv; b'dan li, mill-imgħax, għandha titnaqqas is-somma ta' sitt elef seba' mija u ħamsin euro (€6,750) li ġja tħallset.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Registratur